# Leħen il-Fgura

*Sena 57 Nru. 373 Lulju 2024*

**Messaġġ mill-Kappillan**

**Il-FESTA ĠĠEDDIDNA FIL-FIDI TAGĦNA**

Waslet festa oħra. Ngħid lili nnifsi, kif taret din is-sena. Minn ħaġa għall-oħra u minn avveniment għall-ieħor. B'danakollu l-festa tibqa' attività unika.

It-talba tiegħi, aktar u aktar bħala kappillan għandha tkun li l-festa ġġeddidna fil-fidi tagħna. F'dawn il-ġranet inħeġġiġkom biex tieħdu sehem fil-quddies u fil-funzjonijiet: l-aqwa preparazzjoni għall-festa. Tajjeb li nifirħu, imma l-qofol dejjem ikun fil-knisja. Għandna ħafna okkażżjonijiet sbieħ u nixtieq ħafna li tieħdu sehem fihom.

Ejjew f'dawn il-ġranet nitolbu għal xulxin. Itolbu għalija biex nimxi dejjem fuq l-eżempji sbieħ li għallmitna l-Madonna. Jien nitlob għalikom biex intom tħossu l-għajnuna u l-protezzjoni tal-Madonna tal-Karmnu li intom tant tħobbu.

Ejjew nitolbuha tħarisna dejjem.

Nawguralkom il-Festa t-Tajba.

P. Raymond Calleja O. Carm
Kappillan



*Ritratt mehud minn Brian Agius*

**Talba miktuba mill-Papa Franġisku**

Verġni u Omm tagħna Marija,
int li, imqanqla mill-Ispirtu,
ilqajt il-Verb tal-ħajja,
għinna llissnu l-"iva" tagħna
għas-sejħa urġenti,
tagħfas fuqna iktar minn qatt qabel,
li nsemmgħu mill-ġdid il-Bxara t-Tajba ta' Ġesù.

Verġni u Omm tagħna Marija,
iksbilna issa l-ħeġġa ġdida li jnissel il-Qawmien,
biex nistgħu nwasslu lil kulħadd il-Vanġelu tal-ħajja
li jegħleb il-mewt.
Agħtina l-kuraġġ qaddis li nfittxu toroq ġodda
biex jasal għand kulħadd id-don tal-ġmiel li ma jintefiex.



**Il-Kappillan flimkien mal-komunità Karmelitana u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd**

# Festa Madonna tal-Karmnu 2024

**Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju**
**8.30pm:** Music Bingo Under the Stars fi Triq Nazzareno Farrugia, faċċata tal-Każin tal-Banda.
**Is-Sibt 29 ta' Ġunju**
**7.30pm:** Lejla Maltija goes Rock & Roll fi Triq Nazzareno Farrugia, faċċata tal-Każin tal-Banda.

**Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju**
**6.30pm:** Quddiesa bi preparazzjoni għall-festa u wara siegħa adorazzjoni bi tħejjija għall-festa.
**8.00pm:** Riċeviment tal-Festa, organizzat mill-Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D. 1993 fi Triq il-Karmelitani għall-membri, membri sostenituri u l-mistiedna.

**Is-Sibt 6 ta' Lulju – Infakkru lil ħutna li ħallewna matul din is-sena**
**6.30pm:** Quddiesa b'suffraġju għal dawk ħutna li ħallewna mill-aħħar festa 'l hawn.
**7.00pm:** Fgura Fest quddiem il-knisja parrokkjali fi Triq Hompesch, organizzata mill-Kummissjoni Festa Esterna A.D.1993.

**Il-Ħadd 7 ta' Lulju – Jum iż-Żgħażagħ u l-Organizzaturi u l-Helpers tal-Festa**
**9.30am:** Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.
**11.00am:** Quddiesa għaż-żgħażagħ u l-adoloxxenti bis-sehem tal-membri tal Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D. 1993 flimkien mal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu, ir-reffiegħa tal-vara u l-għaqdiet taż-żgħażagħ. Waqt il-quddiesa jingħata l-mandat lir-reffiegħa li se jerfgħu l-istatwa fil-festa u jitbierku l-istendardi tal-Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D. 1993 u tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu.
**6.30pm:** Quddiesa fuq iz-zuntier tal-knisja animata mill-membri tal-Mixja Neokatekumenali.
**8.00pm:** Riċeviment tal-Festa mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura fil-Każin tal-Banda, għas-soċji u mistiedna oħrajn.

**It-Tnejn 8 ta' Lulju – Jum it-Tfal u ħruġ tal-vara min-niċċa**
**6.00pm:** Tibda' manifestazzjoni mit-tfal bl-istatwa tal-Madonna tat-tfal u bis-sehem tal-banda tal-Fgura li tibda' minn quddiem il-Museum tal-bniet fi Triq il-Kampanella u tgħaddi minn Triq San Tumas, Triq il-Liedna, Triq il-Karmelitani, Triq Hompesch għall-knisja.
**7.00pm:** Tibda' quddiesa animata mill-Kummissjoni Tfal tal-Parroċċċa mmexxija minn Fr. Mark Spiteri.
Wara l-quddiesa jsir il-ħruġ solenni tal-vara min-niċċa fejn issir ċelebrazzjoni fuq iz-zuntier bid-daqq tal-innijiet mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu, Fgura. Wara t-tfal kollha li jkunu ħadu sehem jimxu mal-banda sal-maħżen tal-armar fejn jingħataw ġelat u tifkira tal-okkażżjoni.
**9.00pm:** Blue Rally għaż-żgħażagħ imtella' mid-Deep Blue Promotions fil-każin tal-banda. Dħul b'xejn.

**It-Tlieta 9 ta' Lulju – Jum il-Familja**
**6.30pm:** Rużarju meditat.
**7.00pm:** Quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja immexxija mill-Kappillan P. Raymond Calleja O. Carm.
Għal din il-quddiesa huma mistiedna b'mod speċjali dawk il-koppji li din is-sena qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali kif ukoll dawk il-koppji li kellhom tarbija mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn.
Waqt il-quddiesa dawk il-koppji li qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali jġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom u wara l-quddiesa ssir il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna tal-Karmnu.
8.30pm: Festa Night quddiem il-każin tal-banda fi Triq Hompesch, organizzata mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu u mill-Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D.1993

**L-Erbgħa 10 ta' Lulju – L-Ewwel Jum tat-Tridu - Jum it-Terzjarji Karmelitani u l-Għaqdiet Marjani**
**6.30pm:** Rużarju meditat.
**7.00pm:** Quddiesa tat-tridu bit-talba tal-għasar immexxija minn P. Alan Adami O.P.
Matul il-ġranet tat-tridu jippriedka Fr. Martin Borg.
Jieħdu sehem it-Terzjarji Karmelitani flimkien mal-Moviment Madonna ta' Fatima u l-Leġjun ta' Marija.
Wara l-quddiesa issir il-funzjoni tas-Salve u ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**8.30pm:** Il-Banda 'Marija Assunta' tal-Gudja tibda marċ minn Triq Lorry Sant u tkompli f'dawn it-toroq: Bormla, Vjal Kottoner, Sur, Mater Boni Consilii, Giacomo Matteotti, Mahatma Gandhi, Summiena, Merħba, Ġojjin, Mahatma Gandhi, Martin Luther King, Kent, San Tumas, Liedna, Karmelitani, Hompesch sal-Każin tal-Banda.

**Il-Ħamis 11 ta' Lulju – It-Tieni Jum tat-Tridu - Jum il-Ministri tal-Liturġija u l-Helpers tal-Parroċċa**
**9.30am:** Quddiesa għall-anzjani u l-morda. Waqt il-quddiesa jiġi amministrat is-sagrament tal-morda.
**10.30am:** Kids Feast Fun Day - Attività għat-tfal fil-każin tal-banda fejn isiru l-preparamenti għall-materjal tal-briju tal-marċi fl-isfond tal-briju tal-festa.
**6.30pm:** Rużarju meditat.
**7.00pm:** Quddiesa tat-tridu bit-talba tal-għasar immexxija minn P. Joe Saliba O. Carm, amministratur tal-Parroċċa tal-Balluta.
Illum Jieħdu sehem il-letturi, animaturi, ministri tat-tqarbin, dawk li jqassmu l-fuljett tal-parroċċa, helpers tal-knisja u helpers tal-parroċċa.

Wara l-quddiesa issir il-funzjoni tas-Salve u ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**8.30pm:** Il-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura tibda marċ minn quddiem il-Każin tal-Banda u tkompli f'dawn it-toroq: Hompesch, Sur, Mater Boni Consilii, Sejba Punika, Żabbar, San Pietru, Liedna, San Tumas, Hompesch sal-Każin tal-Banda, fejn titla' l-istatwa tal-Anġlu fuq il-pedestall. Isegwi spettaklu ta' logħob tan-nar, mużika u dawl bl-isem Stars of an Angel (il-ħames edizzjoni).

**Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju – It-Tielet Jum tat-Tridu - Jum il-Vokazzjonijiet u Jum l-Għaqdiet u l-Movimenti**
**6.30pm:** Rużarju meditat.
**7.00pm:** Quddiesa tat-tridu bit-talba tal-għasar immexxija minn P. Maurice Abela O. Carm, Kappillan tal-parroċċa ta' Santa Venera.
Jieħdu sehem il-membri tal-għaqdiet u l-movimenti tal-parroċċa, kif ukoll l-abbatini u l-ġenituri tagħhom.
Wara l-quddiesa issir il-funzjoni tas-Salve u ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**8.15pm:** Il-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura tibda marċ minn quddiem il-knisja u tkompli f'dawn it-toroq: Hompesch, Karmelitani, Kampanella, Sur, Blondell, Bormla, W. Levanzin, Gallu, Misk, Fredu Abela, San Ġwann, Skola, Sant'Antnin, Louis Scicluna, Sant'Antnin, Tal-Klerku, Karmnu, Kitba, Sur u Hompesch sal-kolonna, fejn il-Banda ssellem lill-Madonna waqt it-tlugħ tagħha fuq il-pedestall bl-innu popolari. Fi tmiem il-marċ isir spettaklu ta' logħob tan-nar u dawl.

**Is-Sibt 13 ta' Lulju – Lejliet il-Festa**
**8.30am:** Quddiesa kantata. Fl-aħħar tal-quddiesa jitkanta t-Te Deum bħala ringrazzjament.
**6.30pm:** Translazzjoni Solenni bir-relikwa tal-Madonna mill-Museum tas-Subien u li tgħaddi minn Triq il-Karmelitani, Triq Hompesch għall-Knisja mmexxija mill-W.R.P. Charles Mallia O. Carm Pirjol Provinċjali flimkien mal-komunità Karmelitana.
**7.00pm:** Quddiesa kantata mmexxija mill-W.R.P. Charles Mallia O. Carm Pirjol Provinċjali flimkien mal-komunità Karmelitana.
Wara l-quddiesa issir il-funzjoni tas-Salve u ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**9.00pm:** Il-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura tesegwixxi Programm mużikali quddiem il-Każin tal-Banda, taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Johan Debattista Dip. LCM, ALCM.
**11.15pm:** Il-Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D.1993 ittella' spettaklu ta' nar tal-art, u fi tmiemu jkun hemm ukoll nar sinkronizzat mal-mużika.

**Il-Ħadd 14 ta' Lulju – Jum il-Festa**
Filgħodu l-quddies tas-6:00am, 7:00am u 8:00am ikun bħas-soltu.
**9.00am:** Quddiesa prinċipali tal-festa immexxija mill-Kappillan P. Raymond Calleja O. Carm flimkien mal-komunità Karmelitana bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, il-kummisjonijiet tal-parroċċa, il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet reliġjużi u ċivili tal-parroċċa. Jinseġ il-paniġierku Monsinjur Carmelo Refalo.
**11.00am:** Quddiesa
**11.00am:** Il-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura tibda marċ minn quddiem il-Każin tal-Banda u tkompli f'dawn it-toroq: Hompesch, Bormla, Vjal Kottoner, Sur, Hompesch, San Tumas, Valperga, Karmelitani, Hompesch sal-Każin tal-Banda
**6.00pm**: Rużarju Meditat
**6.30pm:** Quddiesa bit-talba tal-għasar immexxija minn P. Joe Vella O. Carm.
Wara l-quddiesa tibda l-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu mmexxija mill-W.R.P. Charles Mallia O. Carm Pirjol Provinċjali li tgħaddi minn Toroq Hompesch, Żabbar, San Pietru, Mater Boni Consglii, Sur, Kitba, Karmnu, l-Iskola, Sant'Antnin, Hompesch għall-knisja.
**7.05pm:** Il-Banda 'Santa Marija' ta' Ħad-Dingli tibda marċ minn Wesgħa Kunsill tal-Ewropa għal Triq Hompesch saz-zuntier tal-knisja parrokkjali, fejn tilqa' l-istatwa titulari bid-daqq tal-innu popolari fil-ħruġ tal-purċissjoni. Issir tislima lill-Madonna bil-kant minn Rebecca Scerri u wara tkompli takkumpanja l-purċissjoni sa kantuniera ma' Triq il-Karmelitani. Wara, il-Banda tesegwixxi Programm mużikali fuq il-planċier quddiem il-knisja. Fl-aħħar tas-servizz, tingħaqad mal-Banda Lara Azzopardi li ssellem lill-Madonna tal-Karmnu bil-kant tal-innijiet Marjani.
**7.30pm:** Il-Banda 'Imperial' tal-Mellieħa tibda marċ minn Triq il-Karmelitani, minn ħdejn il-Museum tas-Subien għal Triq Hompesch, fejn tingħaqad mal-purċissjoni minn kantuniera ma' Triq il-Karmelitani u tkompli takkumpanjaha f'dawn it-toroq: Hompesch, Żabbar, San Pietru, Mater Boni Consilii, Kitba, Hompesch sal-knisja parrokkjali, fejn issellem lill-Madonna bl-innu popolari u l-Ave Maria kantati minn Vanessa Vassallo.
**10.30pm:** Isir id-dħul tal-vara fil-knisja, titkanta l-antifona tal-Flos Carmeli u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**L-Erbgħa 17 ta' Lulju**
**6.30pm:** Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D. 1993 flimkien mal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu. Wara l-quddiesa jsir id-dħul tal-vara fin-niċċa.

Matul il-ġranet tal-festa il-kant ikun immexxi mill-Kor Parrokkjali Infaħħru lil Marija taħt id-direzzjoni tas-Surmast Simon Ellul AMusLCM kif ukoll mill-Kor Flower of Carmel taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Lilian Plumpton.

## Messaġġ mill-Provinċjal
## KURAĠĠ - IL-MISSJONI TKOMPLI



Fi Frar ta' din is-sena l-Provinċja Karmelitana Maltija iddeċidiet li tagħlaq tliet komunitajiet u li ma nibqgħux inservu fil-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, il-Balluta, wara li sentejn ilu tlaqna wkoll mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, Fleur-de-Lys. Fl-istess ħin għaddejna l-Parroċċa ta' Santu Rokku ġewwa Tarija, il-Bolivja lid-djoċesi, wara li xi snin ilu konna tlaqna wkoll mill-parroċċa ta' Fatima f'La Paz. Għalkemm konna konxji li xi darba se naslu f'dan ix-xifer qatt ma bsarna li dan se jolqotna daqshekk malajr u u b'daqshekk qawwa.

Din mhix xi esperjenza tagħna l-Karmelitani Maltin biss, imma esperjenza li diversi reliġjużi rġiel u nisa f'Malta u barra minn Malta għadejjin minnha. Dan fost ħafna tibdil ieħor mgħaġġel fis-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha. Kif qalilna Papa Franġisku m'aħniex għaddejin minn epoka ta' tibdil imma bidla ta' epoka.

Qabel nagħti ħarsa 'l quddiem, nixtieq nirrikonxxi u ngħid kelma ta' apprezament kbir lil ħuti Karmelitani u lin-nies li ħadmu magħna matul dawn l-aħħar għexiren ta' snin. Għaddejna minn snin ta' tkabbir kontinwu. Xejn ma kien jaqtagħlna qalbna. Bnejna knejjes ġodda fil-Belt Valletta, il-Balluta, l-Fgura u Santa Venera. Bnejna l-Kulleġġ San Elija, f'S. Venera. Bnejna d-dar tal-irtiri "Lunzjata", ir-Rabat. Bnejna iċ-ċentri parrokjali tal-Balluta u tal-Fleur-de-Lys. Morna l-Perù u l-Bolivja fejn ftaħna kunventi u mexxejna parroċċi f'Tingo u Camana, fil-Perù, u La Paz, Santa Cruz, Tarija, u Concepción, fil-Bolivja. Għamilna snin f'Milazzo, fi Sqallija, immexxu knisja iffrekkwentata ħafna fiċ-ċentru tal-belt. F'Malta mexxejna erba' parroċċi u diversi ċentri taż-żgħażagħ. Ħdimna mal-abbatini u diversi għaqdiet. Dan minbarra quddies, qrar, priedki fil-knejjes tagħna u barra minnhom. Waqqafna Istitut Karmelitan u kellna u għad għadna diversi pubblikazzjonijiet. Qisu ma kienx hemm limitu għal din il-ħidma patorali. S'intendi dan kollu għamilnieh bl-għajnuna t'Alla u ta' Ommu Marija u ta' ħafna u ħafna nies li taw minn qalbhom is-sapport kbir tagħhom.

Il-ħidma bejn kleru u lajċi ġiet enfasiżżata f'Ottubru li għadda meta l-Papa Franġisku mexxa s-sinodu ġewwa Ruma. F'din il-laqgħa tal-isqfijiet ħadu sehem attiv ħafna l-lajċi. Flok ħafna diskorsi, isqfijiet u lajċi kienu mqassmin madwar diversi mwejed u kullħadd ingħata l-istess ammont ta' ħin li fih seta' jitkellem u jiddiskuti mal-oħrajn li kienu madwar il-mejda. Il-Kardinal Mario Grech kellu sehem importanti fl-organizzazzjoni ta' dan is-sinodu u minn Malta ħa sehem Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna.

Fil-festi Maltin u Għawdxin ningħaqdu flimkien reliġjużi u lajċi sabiex niċċelebraw il-festa tal-qaddis/a patrun/a tagħna. Jalla l-entusjażmu ta' matul il-festa jwassal sabiex aktar nies jipparteċipaw fil-ħidma pastorali tal-lokalità. Hemm bżonn aktar minn qabel li niffukaw fuq il-missjoni ċentrali tal-Knisja, l-evanġelizzazjoni, bħalma għamel il-qaddis Malti u terzjarju Karmelitan San Ġorġ Preca.

Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba tal-Madonna tal-Karmnu lil kulħadd. Jalla l-Mulej ikompli jimlikom bil-barka tiegħu u l-Madonna tkompli tħariskom taħt il-mant sabiħ tagħha.

P. Charles Mallia O. Carm.

## Djarju tal-Parroċċa

| | |
|---|---|
| **Lulju 2024** | |
| It-Tlieta 16 | Tifkira Solenni tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu<br>Fis-Santwarju tal-Karmnu l-Belt fid-9:00am ikun hemm il-quddiesa prinċipali tal-festa u fis-7:00pm toħroġ il-purċissjoni. |
| L-Erbgħa 17 | Coffee Morning b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am. |
| Is-Sibt 20 | Solennità tal-Profeta Missierna San Elija |
| It-Tlieta 23 | Ġurnata għal-Għawdex. Tluq bil-private fis-6:30am. |
| L-Erbgħa 31 | Coffee Morning b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am. |
| **Awwissu 2024** | |
| L-Erbgħa 14 | Coffee Morning b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am. |
| Il-Hamis 15 | Solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija – Festa Kmandata<br>Il-ħin tal-quddies ikun dak bħal ta' nhar ta' Hadd. |
| L-Erbgħa 28 | Coffee Morning b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am. |
| **Settembru 2024** | |
| Il-Hadd 8 | Solennità tat-Twelid tal-Verġni Mqa |
| L-Erbgħa 11 | Coffee Morning b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am. |
| L-Erbgħa 25 | Coffee Morning b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am. |